MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2002

Numru. 63/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**- vs -**

**Rose Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Rose Buttigieg ta’ 48 sena bint Francis u Marija nee` Azzopardi imwielda Victoria, Ghawdex fit-13 ta’ Settembru 1953 li toqghod fil-fond ‘Villa Rose’, Triq Saguna, Sannat, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 52653G) akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 t’ Awissu 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fil-fond ‘Rose’s Snack Bar’ ta’ Ramla Bay, Ghawdex u fi bnadi ohra ta’ dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda xjentament qieghdet fic-cirkolazzjoni,

bieghet jew zammet ghall-bejgh jew impurtat ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT u dan bi ksur ta' artikolu 298 (1) (f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzata wkoll talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat, jew mod iehor ipproduciet jew ikkupjat jew bieghet, qassmet jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex tqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe` sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` l-Pall Mall Ltd of UK u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta` BCGL Advocates rapresentata minn Dr Andrew Borg Cardona LL.D. et hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzata wkoll talli fl-istess zmien iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehdu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Ligijiet ta' Malta;
Akkuzata wkoll talli xjentement ghamlet uzu minnhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzata wkoll talli ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` boll tas-SISA li jappartjenu lill-Gvern ta' Malta, billi holqot pattijiet, dispozizzonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dijarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u

Akkuzata wkoll talli ghamlet xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT akkuzata wkoll talli kellha fil-pussess taghha billi kellha depozitat ghandha jew esponiet ghal-bejgh ghaxar (10) pakketti b’ghoxrin (20) sigarett kull pakkett – Rothmans Blue (bil-faxex tad-dazju tas-sisa falsifikati) u dan bil-hsieb li tiffroda lill-gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu u/jew biex tehles minn xi limitazzjoni u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) u paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Oridinanza tad-Dwana tal-Kap 37 u l-Artikli 16 (d) (e) (f) (g) (j) u 17 (a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta u wkoll bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998) u b’hekk ikkommettiet reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell datata 26 ta’ Mejju 2000 u b’hekk titqies li operat minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta’ L.N. 120/92.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti kif ukoll jekk ikun il-kaz tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spjejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tal-25 ta’ Novembru 2002 skond l-artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tinstema’ u tkun deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputata sabiex din il-Qorti tisma’ u tiddeciedi l-kaz bl-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fis-seduta ta’ l-20 ta’ Dicembru 2002;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja;

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) (f), 298 B (1), 167, 169, 183 u 184 tal-Kap 9; l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) u paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Oridinanza tad-Dwana tal-Kap 37; l-Artikli 16 (d) (e) (f) (g) (j) u 17 (a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998);

Tenut kont ta’ l-ammont relattivament zghir tas-sigaretti;

Tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25);

Testendi l-perjodu tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell datata 26 ta’ Mejju 2000 ghal sena ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza taghha ai termini ta’ l-artikolu 28 B tal-Kap 9;

Inoltre tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti formalment u li jinsabu fi-kustodja tal-Kontrollur tad-Dwana.

Il-Qorti fehmet l-obbligi mposti minn din is-sentenza lill-imputata.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur